MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2002

Numru 664/1997

**Il-Pulizija**
**(Sp. Silvio Valletta)**
**(Sp. Sandro Zarb)**

**vs**

**Abdul Elrahem Ibrahim ta' 29 sena,**
**iben Ibrahim u Kawasr xebba Hassan, mwieled il-Kajr**
**fis-16 ta' Marzu, 1968,**
**u joqghod f'indirizz mhux maghruf.**

**Illum 20 ta' Novembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Abdul Elrahem Ibrahim li gie akkuzat talli fil-15 ta' Novembru, 1997 gewwa l-Hamrun ghall-habta ta' 10.00 a.m.

(a) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 135 Joseph Buhagiar persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi.

(b) ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq PC 135 Jospeh Buhagiar, PC 961 Raymond Debono u PC 1482 Charles D'Anastasi, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kien ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

(c) ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 135 Joseph Buhagiar persuna inkarigata minn servizz pubbliku skond ma ccertifika Dr Joseph Pace mill-Poliklinika ta' Hal-Qormi.

(d) Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

(e) F'dawn l-ahhar xhur minghajr ma nghata permess ta' residenza, nizel l-art jew kien Malta, minghajr il-permess minghand l-Ufficjal ta' l-Immigrazzjoni.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali a fol 7 tal-process biex dan il-process jigi trattat bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u li hu wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lil PC 135 Joseph Buhagiar jixhed li filwaqt li hu kien ghassa ma' l-imputat gol-Pajero tal-SAG, shabu kienu qeghdin jiccekkjaw xi persuni ta' nazzjonalita' Gharbija, l-imputat fetah il-bieba tal-karozza u harablu. Huwa gera warajh pero' meta qabdu rrezista l-arrest tant li

habbat anke lil pulizija mal-hajt u mal-bieb ta’ garage. Darba li lahqu fuq il-post zewg shabu ohra huma tellghu lill-imputat fil-Pajero u hemm skond dan ix-xhud hu sahansitra beda jaghti bis-sieq li x-xufier. Darba li waslu ta’ Kandja l-imputat beda jilmenta b’ugigh f’rasu u f’sidru. Kemm ix-xhud u l-akkuzat ittiehdu l-policlinic fejn gew rilaxxati c-certifikati relattivi.

Gie fil-fatt esebit certifikat mediku (Dok JB) li juru l-griehi sofferti minn Buhagiar fl-allegat incident.

In kontroezami Buhagiar xehed li hu lill-akkuzat ralu biss grif fuq wiccu u li ma jafx li kellu xi daqqiet fuq il-kustilji.

PC 961 Raymond Debono kkonferma li l-imputat kien maghhom fil-vettura, li huma waqfu biex jiccekkjaw xi persuni ta’ nazzjonalita’ Gharbija u gew infurmati li l-imputat kien harab lil shabhom. Meta waslu fil-post indikat lilhom sabu lil PC 135 innifsu mugugh izomm lill-imputat ma’ l-art. Ikkonferma wkoll illi darba fil-karozza l-imputat beda anke jaghti bis-sieq lix-xufier. Ikkonferma wkoll li l-imputat beda jilmenta b’ugigh f’genbu u f’wiccu.

PS 1482 Charles D’Anastasi xehed ukoll li l-imputat beda jaghtih bis-sieq waqt li kien qed isuq. Ikkonferma wkoll li hadu lill-imputat go Polyclinic fejn anke gie nvistat PC 135 ghax l-istess imputat beda jilmenta b’ugigh f’genbu.

Min-naha l-ohra Dr Joseph Pace xehed li ghalkemm l-imputat qallu li kellu ugigh fil-qafas ta’ sidru dan ikkonstata li ma kellu ebda ksur izda kellu biss tenderness. Zied pero li aktar tard l-imputat kien rega’ sabu gol-Health Centre fejn kien akkompanjat ma’ persuna li tiehu hsiebu, hawn it-tabib kien baghtu ghal X Ray ghax baqa’ jilmenta b’ugiegh fil-qafas ta’ sidru.

Fil-fatt Emanuel Barbara kkonferma li meta hu mar izur lill-imputat il-habs ralu daqqiet li kienu ghadhom friski f’ghajnejh, f’minkbejh, saqajh, semma wkoll id-daqqa li kellu fl-abdomen, fil-kustilji li kienet intefhitlu.

L-imputat minn jeddu qabel mal-fatt li hu harab mill-vettura tal-Pulizija pero' ghax hassu bezghan. Qal limeta gie rintraccjat mix-xufier (allura PC 135) lil dan qallu sorry pero' dan beda jaghtih. Qeghdu wkoll wiccu ma' l-art, tah fuq rasu. Darba li rikkbuh fil-karozza anke z-zewg ufficjali ohrajn bdew jaghtuh u joffenduh. Darba li wasal ta' Kandja ntbaghat jahsel wiccu u ufficjal iehor u kompla jsawtu u joffendih. Identifika lil dan l-ahhar aggressur tieghu minn fuq gurnal lokali esebit bhala Dok A1. Ghalhekk identifika lil erba' aggressuri tieghu bhala t-tliet ufficjali li gia ddeponew u l-ahhar ufficjal li jidher fuq il-gurnal. Rah anke tabib ta' Kandja pero' c-certifikat minnu rilaxxat l-imputat qatt ma rah. L-imputat anke xehed li hu bhala permessi kellu kollox in regola u b'dan hu kien avza lill-Pulizija. Mistoqsi allura ghalfejn harab jidher mir-risposta tieghu li hu kien imbezza'.

Min-naha l-ohra Dr Richard Portelli xehed li meta l-akkuzat kien iddahhal il-habs u kien ezaminah u kkonstata biss brix 'l hemm u 'l hawn. Dan l-ezami sar fis-17 ta' Novembru u ma regax rah sal-14 ta' Jannar, meta l-akkuzat hareg mill-habs.

Giet ukoll esebita ittra miktuba minn certu Trevor Barbara indirizzata lill-Prim Ministru dwar l-allegat swat li rceva l-imputat minghand l-Ufficjal tal-Pulizija.

Dr Adrian Vassallo kkonferma li hu kien ezamina lill-imputat u kien sablu callous formation fil-kustilji. L-imputat kien qallu li din kienet gratlu ghax kien gie assaulted u qala xebgha minghand il-Pulizija.

Father Mark Montebello wkoll ikkonferma li l-akkuzat kienet kibritlu lump. Ikkonferma wkoll li kien hemm xi certifikat rilaxxat a favur l-akkuzat li stranament ma setax jinstab.

Father Montebello ghalhekk ikkonferma li minn hamest' ijiem sa sebat' ijiem wara l-imputat kellu kemm demm f'ghajnejh kif ukoll bocca. L-akkuzat indikalu wkoll li kien gie aggredit mill-Ufficjali tal-SAG.

Saljenti huwa wkoll il-fatt li l-akkuzat gharaf minn fuq gazzetta l-allegat aggressur tieghu u min-naha l-ohra l-Pulizija hekk maghruf cioe Russel Attard xehed li hu kien gharaf lill-istess imputat, ghalkemm meta mistoqsi jekk tax daqqa ta' sieq lill-imputat hu cahad.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti hija certa li xi hin l-akkuzat harab mill-kustodja tal-Pulizija. Hu jghid li ghamel hekk ghax beda jibza'. Fil-fatt hu jghid li harab ghax il-Pulizija bdew ibezzghuh. Fil-fatt jekk jitwemmen li l-akkuzat kellu permessi validi li huma, cio l-pulizija, kienu raw, allura hu daqstant kredibbli li hu beza' meta dawn xorta baqghu izommuh. Huwa ghalhekk kredibbli li PC 135 wegggha meta qabad lill-akkuzat wara l-harba u li fl-istess hin l-imputat irrezizta l-arrest pero' thoss li l-akkuzat ma kellux il-mens rea biex jaghmel ir-reati lilu addebitati, anzi hija konvunta li f'dawn ic-cirkostanzi pjuttost anomali li ccirkondaw dan l-incident, bhal per ezempju certifikati li jisparixxu, kull dubju ghandu jmur a favur l-akkuzat u ghalhekk tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.